**FIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

**GUDIKATUR: DR JOSEPH P BONNICI LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 23 ta' Mejju 2002**

**Numru 27**

**Avviz numru 850/01**

**Alfred Debattista**

**vs**

**Joseph Busuttil**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' Lm226.50 (mitejn u sitta u ghoxrin lira Maltin u hamsin centezmu) rapprezentanti danni kagunati wara incident stradali li sehh fit-8 ta' Gunju 2001 gewwa Rahal Gdid bejn vettura HAD 079 misjuqa minn Afred Debattista u CAQ 515 misjuqa minn Joseph Busuttil liema incident sehh unikament tort tal-konvenut u dan minhabba traskuragni, imperizja, imprudenza u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku. Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali datata 20 ta' Lulju 2001 u dawk tal-

ittra ufficjali pprezentata mal-avviz tat-talba skond Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta, u bl-imghax legali mid-data tan-notifika ta' l-avviz.

Ra r-risposta tal-konvenut fejn eccepixxa:

Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kontra l-attur stante illi l-incident awtomobilistiku mertu tal-kawza sehh unikament tort tal-attur minhabba imperizja, traskuragni u nuqqas ta' osservazzjoni tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Sema' ix-xhieda u ezamina id-dokumenti.

Ikkunsidra

Illi l-kollizzjoni in dezamina okkorriet waqt li z-zewg vetturi kienu qeghdin iduru mar-roundabout ta' Paola Hill, Paola. Dik tal-attur, mini-minor filwaqt il-konvenut kien qed isuq trakk bil-bajla tal-konkos mghobbi bir-ramel.

L-attur xehed fis-26 ta Frar, 2002 li hekk kif kien qed isuq, gie nvestit mill-concrete mixer. Il-konvenut xehed li kellu jieqaf fuq ir-roundabout peress illi mix-xellug tieghu, hargulu zewg vetturi u hekk kif rega' qala' , lanqas biss induna li habat mal-mini-minor. Peress illi l-kabina tat-trakk hija gholja ma seta jarah qatt, lanqas mill-mirja. Induna biss meta l-istess attur gibidlu l-attenzjoni huwa stess.

Ili "ex admissis" sewwieq ta' vettura bhal dik misuqa mill-konvenut huwa svantaggat peress li l-vizwali tieghu, fuq il-gemb, hija ferm limitata jekk mhux totalment assenti specjalment minn fuq ix-xellug. Mhux il-vetturi kollha huma tal-istess mizura u kobor.

Dment illi l-istess kobor jirriduci il-kapacita' tas-sewwieq li jkollu kontroll vizwali ta' dak kollu li qed jissucciedi madwaru, allura l-grad ta' attenzjoni minnu aspettata jkun ferm akbar. Irid jippresenta ruhu aktar b'diligenza u perizja tenut kont il-kobor tal-vettura minnu misjuqa . Fil-konfront ta' vetturi normali ohrajn, it-trakk tieghu jaghmel ferm impressjoni. Bil-mod kien ihoss vetturi ohra li jkun habat maghhom.

Meta xehed fis-seduta tas-16 ta’ April, 2002, testwalment qal ”ma rajtux minn quddiem, minn tahti ma narax”.  Qabel il-habta qatt ma rah.  F’cirkostanzi simili, it-Tribunal ma jirravizax in-nuqqas fil-konfront tal-attur.  Kien qed isuq fl-istess direzzjoni fuq l-istess roundabout pero fuq il-karreggata ta’ gewwa. It-trakk kien fuq barra u ried ta’ bilfors jikser fuq ix-xellug cioe’ fejn kien l-attur. F’dan il-mument li l-konvenut naqas li jiehu dawk il-prekawzjonijiet necessarji sabiex kollizzjoni bhal din ma ssehhx.

Fl-istess seduta l-konvenut iddikjara li ma kienx qed jikkontesta l-quantum tad-danni.

Ghaldaqstant ghal dan il-motivi, it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, jilqa t-talbiet attrici jiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghal-incident de quo, u tikkundannah ihallas lill-attur is-somma ta’ Lm226.50 (mitejn u sitta u ghoxrin lira Maltin u hamsin centezmu) in linea ta‘ danni, bl-ispejjes u bl-interessi kif mitluba kontra l-istess konvenut.

**Dr Joseph P Bonnici**
**Gudikatur**